MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 188/2006

**John Attard**
**(ID 486492 M)**
**Vs**
**Raymond Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta` Marzu, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallsu s-somma ta` elf lira (Lm1,000), rapprezentanti ammont dovut fuq xoghol ta` spray li sar fuq crane tad-ditta Coles, proprjeta` tal-konvenut fuq ordni tieghu stess u liema xoghol kien gie kkompletat f'Dicembru, 2005.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 6 ta` April, 2006 fejn eccepixxa illi l-ammont mitlub kien ezagerat u inoltre li x-xoghol mahdum kien difettuz u ma sarx skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Ra l-provi kollha migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.
Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex jisprejjalu l-crane wara li kien gia` qabbad lil haddiehor halli jaqtalu s-sadid. Skond l-affidavit ta` l-attur, dan ighid illi l-valur ta` idejh ghall-ispray kellu jitnaqqas mill-prezz tal-crane li peress illi l-istess attur kien fi hsiebu li jixtrieh minghand il-konvenut. Dwar iz-zebgha, l-attur kien jixtriha minghand il-hanut indikat lilu mill-konvenut, a spejjez ta` l-istess konvenut. Ghal bidu kien qed juza zebgha tad-ditta Sikkens. L-attur isostni pero` li kwazi mill-bidu nett, il-konvenut ordnalu sabiex minn flok is-Sikkens jibda` juza zebgha tad-ditta Haempel peress li ta` l-ahhar kienet irhas. L-attur ighid li rrimarkalu li din kienet ta` kwalita` nferjuri pero` l-konvenut baqa` jinsisti mieghu peress illi wara kollox huwa ried jizbghu sabiex ighaddi mill-VRT u li wara kollox iz-zebgha xorta wahda kienet ser tintela bis-siment. Dan id-diskors ta` l-ahhar gie konfermat bil-gurament minn Georganne Catania.

Meta l-attur lahaq lesta tliet kwarti tax-xoghol u nforma lill-konvenut li kien bihsiebu jzommlu elf lira, ta` l-ahhar rah gholi u gie lura b’kontro offerta ta` Lm800. L-attur irrifjuta li jkompli jahdem ghal daqshekk u kwindi l-konvenut accetta il-quotation originali ta` Lm1,000. Anke dan id-diskors gie konfermat bil-gurament mix-xhud Catania.

L-attur issokta fl-inkarigu u meta wasal ghal rimmijiet issuggerixxa li dawn jinzebghu bil-Hammerite stante li din il-parti tal-crane tishon sew. L-attur ighid li l-konvenut mhux biss ma accettax dan minhabba zjieda fil-prezz izda talli ordna lil tal-J&V Debono Ironmongery sabiex ma jaghtix Hammerite u jibqa` jiehu l-Haempel. Meta ra hekk, l-attur beda jahsibha darbtejn li jixtri l-crane hu u meta ha parir dwar il-prezz tieghu originarjament mitlub mill-konvenut fl-ammont ta` Lm4,000, dawn qalulu li ma kienx jiswa daqshekk. Meta l-attur spicca mill-inkarigu tieghu u talab lill-konvenut li jithallas is-somma miftiehma ta`

Lm1,000, dan baqa` ma halsux u beda jgib l-iskuza li ma sarx tajjeb. L-attur isostni li r-raguni vera kienet ‘il ghaliex ma kienx ikkonkluda mieghu ghax-xiri tal-crane. Inoltre jinnega li x-xoghol sar hazin apparti l-kwalita` taz-zebgha li l-konvenut stess kien insista fuqha.

Il-konvenut jikkonferma illi filwaqt li n-negozju tal-bejgh ta` crane lill-attur ma kienx gie konkluz bejniethom, huwa xorta wahda kien inkariga lill-istess attur sabiex jaghmillu xoghol ta` spray fuq crane. Ma kienux ftehmu fuq rata ghal mano d’opera jew fuq terminu filwaqt li l-materjal kollu necessarju, nkluz iz-zebgha kellu jixtrieh kollu l-istess konvenut kif fil-fatt ghamel. Jispjega li l-attur, l-ewwel naddaf il-crane u mbaghad tah passata undercoat qabel ma tah l-ispray. Jafferma illi lill-attur ma riedx ihalsu l-elf lira mitluba peress illi skond hu, x-xoghol sar hazin stante li kien gia` beda hiereg is-sadid u z-zebgha ma kinietx imlibbsa tajba, fis-sens li f’xi bnadi l-undercoat kien ghadu jidher. Barra minnhekk hass li c-cifra mitluba kienet ezagerata peress illi haddiehor kien offrielu li jisprejjalu l-crane ghall-ammont ferm irhas.

In kontro-ezami, l-konvenut pero` jikkonferma li kien minnu li l-attur xtaq li tintuza z-zebgha Sikkens u li kien l-istess konvenut li xtaq il-Haempel flok is-Sikkens u fil-fatt hu stess kien baghat lill-attur f’hanut partikolari biex jixtri l-Haempel.

Il-konvenut ressaq rapport ta` espert “*ex parte*” sabiex jikkorobora l-ilmenti tieghu u dana fil-persuna ta` certu Leslie Bonnici. Dan ix-xhud spjega li d-difetti li seta` josserva fix-xoghol taz-zebgha setghu jitqasmu fi tliet kategoriji cioe` a) orange peel effect, b) corrosion u c) cracking effect u jghaddi biex jispjega f’aktar dettal kull wahda minnhom, ghalkemm it-tnejn ta` l-ahhar jitratthom flimkien. Huwa jezebixxi wkoll sensiela ta` ritratti sabiex jindika ahjar dak li qed jispjega. Jidher pero` li min qabbad lil dan l-espert kien informah hazin li x-xoghol fuq il-crane kien gie ezegwit ftit tax-xhur qabel Dicembru, 2006. Fil-fatt dan ix-xoghol kien tlesta fuqu sena qabel, f’Dicembru, 2005 u din il-misinformazzjoni seta` certament kellha impatt negattiv fuq il-konkluzzjonijiet peritali tieghu. Jidher

ukoll li gie nfurmat hazin li z-zebgha li ntuzat kienet tad-ditta Sikkens meta fil-fatt kienet Haempel. Fil-fatt ma kienx f'pozizzjoni li jirrapporta fuq il-performance ta` Haempel pero` jikkonferma li hemm tip ta` zebgha apposta u aktar adattata mill-Haempel ghal cranes.

B'riferenza ghal dan ir-rapport ta` Leslie Bonnici, l-attur filwaqt li ma jinnegax il-konkluzzjonijiet hemm maghmula, jispjega li dak kollu kien il-kawza u l-effett tal-kwalita` ta` zebgha nferjuri maghzula mill-istess konvenut u li huwa kien appuntu gibidlu l-attenzjoni dwar dan minn qabel. L-attur innota gustament ukoll li dan ir-rapport sar aktar minn sena wara li huwa kien ezegwixxa x-xoghol fuq l-istess crane u ghalhekk wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-istess crane kien gia` hadem ghal sena shiha wara li huwa kien lesta. Ighid ukoll li l-konvenut kien spezzjona l-crane wara li lesta u li kien rega` hadem fuqu fuq partijiet ohra zghar fejn indikalu l-istess konvenut. F'dan ir-rigward it-Tribunal jikkummenta illi jekk tassew il-konvenut ma kienx soddisfatt bix-xoghol ta` l-attur u li ma xtaqx ihalsu daqs kemm talbu, kien imissu li r-rapport *ex parte* ghamlu mill-ewwel hekk kif spicca l-attur *a tempo vergine* u certament mhux jaghmlu sena wara, fil-mori tal-kawza u wara li kien gia` ilu jahdem bih ghal sena shiha – bil-mod kif saru l-affarijiet da parti tal-konvenut, la l-attur u wisq anqas it-Tribunal ma jista` jkollhom kontroll effikaci fuq l-ilmenti u l-lanjanzi tal-konvenut. Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ohrajn imsemmija aktar 'il fuq (fejn gew trattati r-risposti li x-xhud Bonnici ta in kontro-ezami minn fejn jirrizulta li seta` nghata nformazzjoni mhux daqstant korretta), it-Tribunal ma jistax certament jistrieh fuq ir-rizultanzi peritali ta` dan ix-xhud, Leslie Bonnici.

Illi ghandu jinghad li t-Tribunal jinsab soddisfatt mill-fatt illi l-obbligu u l-inkarigu ta` l-attur kien limitat biss ghaz-zebgha filwaqt li l-istess materjal u b'mod partikolari z-zebgha nfisha kienet f'idejn l-istess konvenut. Illi ghalkemm 'l hekk imsejha difetti fix-xoghol riskontrati mix-xhud Bonnici jikkoncerna l-qaghda taz-zebgha, dan gie zvelat sena wara li sar ix-xoghol u cioe` sena wara li kien ilu jithaddem il-crane. Ma jistax jonqos pero` li jigi osservat

fl-istess hin li x-xoghol taz-zebgha gie mghoddi mill-attur b'certa medjokrita` tant illi hu stess ighid li l-attitudini kienet fis-sens sabiex kemm kemm ighaddi mill-VRT u li x-xoghol tieghu xorta wahda kien ser jitghatta bis-siment. Tant hu hekk li meta l-attur innifsu ra kif ser ikun "il-finished product" ta` dan il-crane, huwa dawwar il-hsieb li kellu u ma komplhiex bl-idea originali li kellu li jixtri l-crane huwa stess. Illi ghalhekk f'dan id-dawl, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ma jistax jibqa` jippretendi li jithallas ta` xoghol ta` certu livell tas-sengha meta huwa stess jikkonferma li gie nkarigat sabiex ma joqghodx jaghti kaz il-perfezzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba ta` l-attur fis-sens li jigi dikjarat li l-konvenut huwa debitur tieghu ghal xoghol li huwa ezegwixxa fuq il-crane tieghu, b'dan pero` li l-istess Tribunal qieghed ghar-ragunijiet gia` espressi hawn fuq jillikwida l-ammont *arbitrio buon viri* li haqqu jithallas l-istess attur fl-ammont ta` seba` mija u hamsin lira (Lm750), cioe` tnaqqis ta` hamsa u ghoxrin fil-mija u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lill-istess konvenut biex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata fl-ammont ta` seba` mija u hamsin lira, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kollha a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------